MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 09/K6/2009 |
| Data: | It-Tnejn, 8 ta’ Frar 2010 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 6.15 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat nhar it-Tlieta, 2 ta’ Frar, 2010. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Final Accounts għas-sena finanzjarja 2009
2. Approvazjoni tal-Budget għas-sena 2010

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 09/K6/2009

Punt 1 Approvazjoni tal-Final Accounts għas-sena finanzjarja 2009

359. Is-Sindku preżenta il-Financial Statements għas-sena finanzjarja 2009. Is-Segretarju Eżekuttiv ta' kopja tal-Financial Statements lil kull Kunsillier. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv spjegaw il-Financial Statements paġna, paġna, fejn ġie rimarkat fost l-oħrajn li s-sena finanzjarja għalqet bi żbilanċ ta' €21,586. Dan seħħ prinċipalment minħabba l-inklużjoni ta' Provizjoni għad-Debituri tas-sistema LES, ta' €60,000.

360. Is-Sindku daħal fil-laqgħa. Ħin: 6.30pm

360. Is-Segretarju preżenta ukoll il-*Quarterly Financial Report* sa Diċembru 2009, fejn spjega li l-indikatur finanzjarju huwa dak ta' 5.19%. Dan huwa pożittiv peress illi l-liġl tirrikjedi li jkun 'l fuq min 5%. Dan ġie approvat.

361. Is-Sindku ressaq il-Financial Statements 2009 għall-approvazjoni. C Selvaggi qal li kien ikun aktar għaqli kieku l-ispjega u diskussjoni ta' dawn l-estimi kienet issir fil-Kumitat tal-Finanzi. Il-Financial Statements ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Approvazjoni tal-Budget għas-sena 2010

362. Is-Sindku preżenta l-Budget għas-sena 2010. Is-Segretarju spjega li dan il-Budget huwa ibbazzat fuq l-ispejjes li saru fis-sena 2009, fejn ittieħdet konsiderazjoni ukoll għal prijoritajiet diġa approvati tal-Kunsill għal din is-sena, fosthom il-bini ta' toroq.

363. Is-Sindku ressaq il-Budget 2010 għall-approvazjoni. C Selvaggi stqarr li l-Budget ma għandux jiġi mfassal mis-Segretarju Eżekuttiv biss, iżda s-Sindku għandu jgħamel laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi sabiex il-Kunsilliera jiddiskutu u jfasslu l-Budget. Is-Sindku ressaq il-Budget għall-approvazjoni. M Baldacchino issekondat. Il-Budget għas-sena 2010 ġie approvat.

364. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 19.35

Approvati llum ______________________________

| | |
|---|---|
| Nutar Clifton Grima | Matthew Dimech |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com